MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 6/2007

**Vince Attard f'isem V. Attard Works Limited (C33136).**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Vince Attard f'isem Works Limited datat 19 ta' Ottubru 2007 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

1. Illi b'decizjoni tal-5 ta' Ottubru 2007, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **'Vince Attard f'isem V. Attard Works Limited kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar'** (Dok. "VA 1") iddecieda li 'jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut tal-permess ghat-IzNqlupp';

2. Illi r-rikorrent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-fatti fil-qosor rigwardanti dan l-appell huma li l-appellanti hija proprjetarja ta' residenza li tinsab fiz-zona maghrufa bhala Ta' Gusman, Triq Wied Folija, Zurrieq liema proprjeta' tikkonsisti f'razzett qadim li ilu ezistenti ghal diversi ghexieren ta' snin kif jista' jirrizulta wkoll evidenti lil din l-Onorabbli Qorti mir-ritratti li jinsabu esebiti fl-atti ta' lapplkazzjoni u ta' l-appell. Dan ir-razzett ghamel zmien twil jintuza bhala residenza kif ukoll gie evidenzjat minn kopja tar-Registru Elettorali kif ukoll kuntratt ta' trasferiment ta' l-istess sit ukoll esebiti fl-atti ta' l-appell. Permezz ta' applkazzjoni li ggib in-numru PA 04705/05 ir-rikorrent applika mal-Awtorita' appellata sabiex jinhareg permess fuq din ir-residenza kif isegwi:
*'to extend residential unit and increasing depth of soil planting of tree'*

Kif gia inghad aktar 'il fuq din l-applikazzjoni giet rifjutata mill-Bord ta' l-Appell nhar il-5 ta' ta' Ottubru, 2007.

4. Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar applika l-ligi hazin peress li ma applikax il-kriterji kollha indikati fil-**Policy PLP 20 Section 8 "Minor Extensions to buildings in Rural Areas"** ghall-kaz in ezami b'rizultat li ghalkemm fit-termini tal-kritejri kollha ta' l-istess *policy*, l-permess mitlub kellu jinghata, bil-kuntrarju u erronjament l-Bord cahad l-appell u kkonferma r-rifjut tal-permess. L-appellant jissottometti umilment li din il-parti tad-decizjoni tikkonsisti fi ksur tad-dmirijiet tal-Bord ta' l-Appell *ai termini* ta' l-**artikolu 15 (12) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi *ai fini* ta' l-**artikolu 15 sub-artikolu (2) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** f'dan l-istadju ssir referenza ghal decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **'Mario Zammit vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp'** liema decizjoni taghmilha cara li pjanijiet u *policies* approvati, *ai*

*termini* ta' l-**artikolu 5 (1)** ta' l-Att dwar l-Izvilupp ta' l-Ippjanar ghandhom l-istat ta' ligi u tkompli tenuncja kif isegwi:

*"Fil-fatt hawn qed issir referenza wkoll ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 33 tal-Kap. 356** li taghmilha obbligatorja ghall-Awtorita` nnifisha li tapplika l-Pjan ta' Zvilupp, il-policies, u l-Iskemi dwar Provediment Temporanji u wkoll l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar stess fid-decizjonijiet tieghu huwa tenut skond l-**artikolu 15 (12) tal-Kap. 356** li "jizgura li josserva d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 33 (1) u (2)** meta jirrevedi d-decizjoni ta' l-Awtorita`."*

Dan il-principju gie konfermat diversi drabi mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'decizjonijiet ohra, fosthom **Mario Gauci vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** deciza fis-27 ta' Frar 2003, **Matthew Sammut vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** deciza nhar l-24 ta' Marzu 2003, **Charles Polidano vs Kummissarju vs. Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** deciza nhar is-26 ta' Mejju 2004 u **Joe Fino vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-izvilupp** deciza nhar deciza nhar it-28 ta' Mejju 2003.

*In oltre* ssir ukoll referenza ghad-decizjoni fl-isemijiet **Max Zerafa vs. Kummissjoni ghallKontroll ta' l-Izvilupp** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-12 ta' Jannar 2004 fejn f'dak l-appell, l-appellant kien ilmenta li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar naqas li japplika ghall-kaz tieghu l-kriterji kollha inkluzi f'*policy* partikolari. F'dak il-kaz dik lOnorabbli Qorti ghogobha tenuncia kif isegwi:

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li din il-vantazzjoni ta' l-istess appellant hija punt ta' dritt li gie effettivament deciz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tant li fil-parti dispositiva tad-decizjoni taghha tirreferi hija stess ghall-istess Policy PLP 10 u wkoll tat l-interpretazzjoni taghha dwar l-istess, ghalkemm dan sar b'riferenza ghal cirkostanza wahda biss imsemmija fl-istess policy* ......"

*“Illi ghalhekk jidher li l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar applika hazin il-ligi kemm ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 33 (1) tal-Kap 356** peress li ma hax in konsiderazzjoni l-policy hemm indikata... u kemm ghaliex ma trattax u injora kompletament l-lanjanzi u l-aggravji tal-istess appellant ..”.*

*“Illi dan huwa konformi mal-principju bazilari tar-Rule of Law stante li bhal Qorti l-istess Bord u kull organ iehor legali ghandu josserva l-ligi, u mhux jaghmel ligi ghalih….'*

Dawn il-principji huma wkoll ikkonfortati fid-decizjonijiet fl-ismijiet **Filomena Attard vs. Alfred Fabri** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-28 ta' Gunju 2002, **Marie Louise Farrugia et vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** deciza mill-istess Qorti nhar l-24 ta' Frar 2003, **Alex Montanaro noe vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' lIzvilupp** deciza wkoll mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-9 ta' Frar 2001, **Jimmy Vella vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**, deciza mill-istess Qorti nhar l-24 ta' Marzu 2003 u **Alfred Cauchi vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar il-15 ta' Dicembru 1997;

Illi ghall-informazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti l-*Policy PLP 20 Section 8* taqra kif isegwi:

*“Minor extension to buildings and uses in rural areas may be acceptable when there is a clear justification for the development:-*

*i) the applicant must be able to demonstrate that the original building or use is implemented in accordance with a valid development permit or that the development dates from a period before such permits were necessary;*

*ii) extensions to existing building must not create a total floor space, which exceeds 150 sqm;*

*iii) extensions should be confined to the area already included within the curtilage of the property;*

*iv) the proposed extension area will be carefully considered in relation to the side and proportions of the original site;*

*v) the visual impact of the new development, particularly its scale and massing, must be acceptable in the wider landscape setting of the site.*

*The choice of materials should be sympathetic to those of any buildings. Extensions to a residential property, which create a new unit of accommodation, will not be acceptable.'*

Illi fil-mertu ta' dan l-aggravju ssir referenza ghall-ittra datata 2 ta' Awissu 2006 u li telenka l-aggravji ta l-appellant quddiem il-Bord ta l-Appell fejn l-ewwel aggravju specifikatament jelenka l-hames kriterji applikabbli ghall-*policy PLP 20 Section 8*, u jidhol ukoll fid-dettal ghalfejn meta wiehed ihares lejn il-kriterji wiehed, wiehed, dawn jirrizultaw sodisfatti u li ghalhekk kellu jinghata l-permess mitlub;

Illi jidher izda li kemm il-hames kriterji ta' din il-*policy* kif ukoll dan l-aggravju gie ghal kollox injorat mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu. B'referenza ghall-pagna 8 tad-decizjoni, l-ewwel paragrafu, jirrizulta car li minn hames kriterji applikabbli f'din il-*policy*, l-Bord ghamel biss referenza ghal wiehed u cioe' t-tieni kriterju u l-ohrajn lanqas biss ikkunsidrahom;

Illi din l-omissjoni da parti tal-Bord hija wanda gravi u tilledi bi shih id-drittijiet ta' l-appellant, aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra li l-appellant fil-mori tal-appell ressaq provi li juru li s-sit in kwistjoni kien jintuza bhala residenza u b'hekk issodisfa l-ewwel kriterju tal-*policy*, kif ukoll iddikjara li kien lest li fuq ordni tal-Bord jaghmel emendi fil-pjanti sabiex dawn jkunu jissodisfaw it-tielet u r-raba' u l-hames kriterju ta' l-istess *policy*. Dan qed jinghad ukoll abbazi tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata 25 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet **Anna Grima Busuttil vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**, zvilupp li gie wkoll kkwotat

mill-appellant fl-ittra tieghu lill-Bord ukoll datata 2 ta' Awwissu 2006, fejn f'dik id-decizjoni u b'applikazzjoni ta' l-istess *Policy*, l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien laqa' l--appell wara li ordna lill-appellant jirriduci l-izvilupp propost u jipprezenta pjanti godda u li konsegwentement inhareg ukoll permess bin-numru PA 2514/04 (kopja tad-decizjoni annessa dokument "VA 2");

Illi mhux biss, izda anki fl-applikazzjoni tieghu ta' l-uniku kriterju li kkunsidra, il-Bord talAppell ukoll ghamel zball grossolan meta ddikjara li dak li kien qed jigi propost mill-appellant kienet estensjoni ta' hames (5) darbiet aktar minn dik ezistenti, meta dan assolutament ma kienx minnu. Dan il-kumment jaghti wiehed x'jahseb li l-Bord meta ta d-decizjoni tieghu kellu l-pjanti ta' xi applikazzjoni ohra quddiemu u mhux dawk ta' l-appellant. Fil-fatt harsa lejn il-pjanti tindika illi filwaqt li l-bini ezisteni jikkonsisti f'erbghin metru kwadru (40 m2), l-izvilupp propost jikkonsisti f'mija u seba' u erbghin metri kwadri (147 m2) u b'hekk fil-limiti tat-tieni kriterju tal-*Policy PLP 20 Section 8* hu ferm anqas minn dak dikjarat mill-Bord fid-decizjoni tieghu;

Illi *in oltre*, l-istess applikazzjoni tal-appellant tiprovdi ghal bosta *landscaping* u *riabilitar* tad-dintorni tar-residenza in kwistjoni, inkluz billi tizdied il-hamrija u jigu mizrugha diversi sigar u b'hekk dan kollu jaghmel ukoll l-izvilupp propost konformi ma' l-ahhar kriterju tal-*policy* msemmija. Ovviament izda ladarba l-Bord tal-Appell ddecieda li ma jidholx fl-ewwel, fit-tielet, fir-raba' u fil-hames kriterju ta' din il-*Policy*, naqas milli jidhol f'dawn il-fatturi ferm importanti fl-ikkunsidrar u r-revizjoni tad-decizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar, fejn din tal-ahhar ipreferiet li thalli l-ezistenza ta' residenza *sub-standard* flok tapprova ameljorament fl-istat tal-istess. Dan kollu kif gia inghad bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-appellanti u bi ksur tal-obbligi tal-istess Bord *ai termini* tal-**Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gia' prodotti u jirriserva li jgib provi ohra skont il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka, thassar

u tannulla d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet '**Vince Attard f'isem V. Attard Works Limited kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** datata 5 ta' Ottubru 2007 u tordna l-hrug tal-permess bin-numru 4705/05 jew jekk ikun il-kaz tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skont il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita` appellate.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 8 tal-processu immarkat bhala Dok. "VA 1".

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 ta' Novembru 2007 a fol. 23 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Vince Attard vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` appellata datata 13 ta' Frar 2008 a fol. 27 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi apparti li dan l-appell huwa wiehed frivolu mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15(2)** tal-att dwar l-Izvilupp tal-Ippjanar li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom fis-sentenza **Emmanuel Mifsud vs Kumissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (decizjini tal-31 ta' Mejju 1996), fejn gie spjegat illi:

*" din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m' hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni dwarha, li*

*tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet defintita fid-decizjoni appellata".*

F'dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal numru ta' decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta' fatt u punt ta' dritt u senjatament:

**i) Frans Cuschieri vs DCC (1002RCP).**
**ii) Santino Gauci vs DDC (32/01RCP)**
**iii) Salvu Sciberras vs PA (26/01RCP)**

Ilkoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Marzu 2003.

2. Illi dan qed jinghad ghaliex jekk wiehed jara l-*Policy Developments Outside Built Up Areas,* wiehed jirrejalizza illi dawk il-hames kriterji wkoll riferiti fl-appell odjern iridu jissussistu kollha fl-istess hin u jekk ikun hemm xi kriterju li ma jkunx sodisfatt, dan ikun bizzejjed sabiex l-applikazzjoni ma tkunx accettabbli.

3. Illi ma jezistix punt ta' ligi 'l ghaliex il-Bord kull ma ghamel interpreta din il-*policy* u kkonstata illi dawn il-kriterji ma humiex sodisfatti fis-sens illi peress illi l-estensjoni hija akbar hafna komparata mal-izvilupp li kien ezistenti, dan zgur imur kontra l-kriterji generali ta' din il-*policy* li tippermetti ***minor extension*** biss.

4. Illi *inoltre*, tali estensjoni tkun tmiss ma' *Special Area of Conservation* u ghalhekk il-Bord kellu jkun kawt hafna sabiex jippermetti tali estensjoni.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, fil-waqt li taghmel referenza ghall-provi gja` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 5 ta' Ottubru 2007 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant Vince Attard, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-5 ta' Ottubru 2007, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbali tas-seduti datati 14 ta' Frar 2008; u tal-21 ta' Mejju 2008 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Joanna Vella Cuschieri ghall-appellanti u Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-Awtorita` apellata. Dr. Joanne Vella Cuschieri obbligat ruhha li fi zmien ghoxrin (20) gurnata tipprezenta kopja tal-*policy*. Mill-bqija d-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Dicembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellanti kien applika sabiex fis-sit f'Ta' Gusman off Triq Wied Fulija, Zurrieq jaghmel zvilupp *"to extend residential unit and increasing depth of soil and planting of trees".*

Illi tali applikazzjoni kienet giet michuda mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp *inter alia* ghaliex din il-proposta kienet tmur kontra l-**artikolu 8** tad-*Development Control Guidance – Developments Outside Built Up Areas* li tirreferi ghall-*"Minor extensions to buildings and uses in rural areas may be acceptable when there is a clear justification for the development* u f'dan il-kaz saret fost ohrajn riferenza partikolari ghall-kondizzjonijiet indikati fis-sub-incizi (iii) (iv) u (v) tal-istess artikolu tal-imsemmija *policy* u dan kif indikat fl-ewwel raguni ta' rifjut tal-istess decizjoni.

Illi sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (Bord) fejn hija sostniet li din il-*policy* giet sodisfatta peress li s-socjeta' appellanti sostniet li l-kriterji kollha tal-istess artikolu tal-imsemmija *policy* u cjoe' minn (i) sa (v) gew sodisfatti u hawn issir riferenza ghall-istess appell datat 2 ta' Awissu 2006.

Illi l-Bord ma laqax l-appell maghmul quddiemu ghaliex sostna ulterjorment li dak sottomess ma kienx jikkonsisti

*f'minor extensions* u dan peress li kien ser ikun zieda ta' 80% fuq il-*footprint* tal-bini ezistenti, u dan jikser il-kriterju indikat bhala (iv) tal-istess **artikolu 8** tal-istess *policy* tant li nghad li meta l-istess *policy* kienet qed tirreferi ghall-*"minor extensions" mal-bini ezistenti l-Bord ma jistax jaccetta zvilupp li jirrizulta f'bini ta' hames darbiet aktar minn dak ezistenti bhala minor extension".* Illi dan jidher li l-istess Bord qalu wara li ha in konsiderazzjoni dak kollu sottomess quddiemu miz-zewg partijiet, inkluz l-aggravji tal-appellanti u wkoll s-sottomissjonijiet tal-Awtorita' appellata, li fihom jidher car li kien hemm ksur ta' kriterji ohra tal-istess *policy* inkluzi dawk indikati bhala (iv) u (v) u dan apparti konsiderazzjonijiet ohra ta' zvilupp; dan apparti li l-istess Bord ezamina wkoll iz-zewg kazi imsemmija mill-appellanti u hass li tali zewg kazi msemmija kienu differenti mill-kaz odjern.

Illi f'dan l-appell qed jinghad li l-Bord applika l-ligi hazin peress li skond l-appellanti ma gietx applikata l-*Policy PLP 20* **artikolu 8** u dan ghaliex gie allegat li l-Bord ghamel biss riferenza ghat-tieni kriterju u l-ohrajn lanqas biss ikkonsidrahom; u wkoll l-appellanti tghid li l-istess Bord ghamel konsiderazzjoni hazina tal-istess kriterju.

Illi din il-Qorti thoss li dan l-appell qed jigi mpustat bhala wiehed fejn il-Bord naqas li japplika l-*policy* vigenti u applikabbli ghall-izvilupp u kieku hekk dan jirrendi tali punt ammissibbli quddiem din il-Qorti a bazi tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356.**

Illi fil-fatt il-lamentela tal-appellanti hija li ma gietx applikata il-PLP 20 u senjatament l-*artikolu 8* tal-istess u dan peress li inghad li l-Bord ghamel riferenza biss ghall-kriterju numru (ii) tal-istess policy mentri injora l-kriterji l-ohra kollha.

Illi fil-verita' meta wiehed jara l-*Policy PLP 20* u **artikolu 8** tal-istess jirrizulta li din tipprovdi s-segwenti:-

*"Minor extension to buildings and uses in rural areas may be acceptable when there is a clear justification for the development:-*

*i) the applicant must be able to demonstrate that the original building or use is implemented in accordance with a valid development permit or that the development dates from a period before such permits were necessary;*

*ii) extensions to existing building must not create a total floor space, which exceeds 150 sqm;*

*iii) extensions should be confined to the area already included within the cartilage of the property;*

*iv) the proposed extension area will be carefully considered in relation to the side and proportions of the original site;*

*v) the visual impact of the new development, particularly its scale and massing, must be acceptable in the wider landscape setting of the site.*

*The choice of materials should be sympathetic to those of any buildings. Extensions to a residential property, which create a new unit of accommodation, will not be acceptable.'*

Illi issa meta din il-Qorti thares lejn id-decizjoni tal-Bord tara li fil-fatt l-istess Bord sostna li l-izvilup propost ma kienx wiehed ta' *minor extension* u dan peress li bl-izvilupp propost il-bini ezistenti kien ser jizdied b'hames darbiet ghal dak ezistenti u dan jidher li huwa manifestament kontra l-**artikolu 8** (iv) tal-istess *policy.* Dan ifisser li fil-fatt giet applikata l-*policy* attwalment indikata mill-appellanti u instab li tali zvilupp ma kienx konformi mal-istess, u fuq din il-bazi biss l-appell ghandu jigi rifjutat, ghaliex in effetti dak li sar f'dan l-appell huwa li l-istess appellanti mhux qed jaqbel ma' kif l-istess *policy* giet applikata ghall-kaz in ezami, haga li hija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Bord.

Illi dan apparti li din il-Qorti thoss li l-applikazzjoni tal-istess *policy* kienet wahda korretta ghaliex verament il-kriterju numru (iv) tal-istess **artikolu 8** ma giex rispettat;

mhux biss izda jirrizulta li l-**artikolu 8 tal-PLP 20** ma giex sodisfatt proprju ghaliex dan jirreferi ghall-*minor extensions,* meta fil-verita' dan kien jikkonsisti f'estensjoni sostanzjali u konsiderabbli tenut kont tal-binja attwalment ezistenti.

Illi fil-fatt dak li effittivament qed jagmel l-appellant f'dan il-kaz huwa li jikkontesta kif l-istess *policies* gew applikati ghall-kaz in ezami u dan ma huwiex fil-kompetenza ta' din il-Qorti u dan kif gie konfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Tonio Azzopardi vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza fit-28 ta' Ottubru 2002 u fid-decizjoni **"Keith Muscat vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' April 2004) u **Philip Micallef vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007) u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess decizjonijiet li kollha kkonfermaw il-principju li l-applikazzjoni ta' *policies* ghall-kaz ma hijiex kompetenza ta' din il-Qorti u taqa' fid-dominju esklussiv tal-istess Bord.

Illi hawn issir riferenza ghad-decizjoni **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** ( A.C. - 31 ta' Mejju 1996) fejn gie spjegat li:-

*"Illi dan billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni".*

Illi dan l-insenjament din il-Qorti terga tikkonfermah ghaliex f'dan il-kaz kull ma ghamel il-Bord fl-istess decizjoni tieghu kien biss li applika l-istess *policy* ghall-kaz quddiemu u sab li l-kriterji tal-istess ma gewx sodisfatti f'dak li jirrigwarda almenu l-kriterju (iv) imsemmi. Din il-Qorti thoss li fil-kaz in ezami l-kriterji kollha tal-**artikolu 8** tal-imsemmija *policy* kellhom jigu sodisfatti, haga li

jirrizulta ma' kienx il-kaz fl-izvilupp propost kif il-Bord sew ikkonstata u kif sewwa qalet l-Awtorita' appellata fit-tieni paragrafu tar-risposta taghha tal-appell.

Illi dan huwa bizzejjed sabiex l-appell jigi michud izda meta wiehed jara s-sentenza tal-Bord din il-Qorti tifhem li meta l-Bord uza l- kliem *"ikkonsidra ulterjorment"* huwa kien fil-fatt qed jirreferi wkoll ghall-konsiderazzjonijiet ohra migjuba mill-Awtorita' appellata bhala raguni ta' rifjut ta' l-istess applikazzjoni ghaliex ma taderhiex ruhha mal-istess **artikolu 8 tal-PLP 20** u dan kif indikat f'paragrafu 5.2 (a) u (b) tar-risposta tal-Awtorita' appellata, fejn saret riferenza ghall-kriterji ohra tal-istess *policy,* li din il-Qorti tidentifika bhal dawk indikati bhala (iii) u (v) tal-istess artikolu, apparti ovvjament dak numru (iv) gja fuq indikat. Ovvjament f'dan is-sens il-Bord seta' spjega ruhu b'mod forsi ahjar u iktar definittiv.

Illi in kwantu fl-istess appell odjern saret riferenza ghas-sentenzi **"Marie Louis Farrugia et vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Frar 2003) u s-sentenzi ndikati fl-ahhar paragrafu tar-raba' pagna tal-appell odjern, din il-Qorti thoss li dan il-kaz huwa ferm differenti minn dak indikat fl-istess sentenzi peress li fid-decizjoni tal-Bord trattata f'dan l-appell jidher li l-istess Bord ha in konsiderazzjoni l-aggravji kollha mressqa mill-appellant quddiemu u ta d-decizjoni tieghu fuq l-istess.

Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa` r-risposta ta' l-Awtorita' appellata datata 13 ta' Frar 2008 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mir-rikorrenti permezz tar-rikors tieghu tal-appell datat 19 ta' Ottubru 2007,** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, b'dan ghalhekk li d-decizjoni tal-

Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Vince Attard f’isem V. Attard Works Limited vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ”** tal-5 ta’ Ottubru 2007 qed tigi kkonfermata.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Vince Attard f’isem V. Attard Works Limited .

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------